**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (21)

Illum inkomplu b'siltiet oħra meħudin mill-intervista li jien għamilt lil Kelinu Degiorgio (il-Favett) li fiha jagħtiha tagħrif dwar l-organizzazzjoni tad-distrett tal-Isla kemm qabel kif ukoll wara l-gwerra. Għal mistoqsija tiegħi dwar x'sar minnhom l-opri tat-tiġrija li kienu jġerru bihom qabel il-gwerra qalli hekk:

" ... kif għedtlek, fl-1951 aħna bdejna norganizzaw id-distrett, sintendi mhux b'sistema ta' kumitat, iżda b'ġemgħa ta' ħabrieka kollha dilettanti tat-tiġrija u li l-għan tagħna kien biex nieħdu sehem attiv fir-Regatta Nazzjonali.

"Id-dgħajjes tagħna kienu preservati fil-maħżen tal-Ħaddied il-Ponta ... xi wħud mid-dgħajjes minħabba l-umditá kellhom bżonn ta' manutenzjoni kbira biex aħna nkunu nistgħu nġerru bihom, u għalhekk kien hemm bżonn li nsibu lil xi mgħallem li kien lest li jidħol għal din il-biċċa xogħol.

"L-għażla tagħha waqgħet fuq Ġużeppi Formosa (is-Suss) li ħela ħafna ħin biex jirranġahom, u kien jaħdem mingħajr interessi - kien jieħu l-leave mit-tarzna, u aħna konna nagħtuh il-paga li kien jieħu bħala ħaddiem fit-tarzna f'dak iż-żmin ..."

*Xi ħadd qalli li wara li intom organizzajtu d-distrett, u allura x-xogħol li bdejtu intom wara għadda f'idejn il-kumitat li ġie elett minn fost il-partitarji tagħhom - il-laqgħat tal-kumitat bdew isiru fl- Athletic Sports Club li kien jieħu ħsieb ukoll it-tim tal-Football u sports ieħor ... tikkonfermah dan?*

"Iva, ... għal xi snin il-laqgħat tal-kumitat hemm kienu jsiru fl-Athletic Sports Club ... barra minn hekk, peress li kif għedtlek qabel, bejn l-1951 u l-1954 it-tiġrijiet tar-Regatta kienu jsiru fuq bażi individwali, meta jien bdejt nara li t-tazzi li konna qegħdin nirbħu bdew jinfirxu – minn iżżommha għalih, min jagħtiha lir-Redentur jew lill-Bambina, ħassejt li dawn it-tazzi kienu qegħdin jitilfu l-valur tagħhom, u għalhekk kont ipproponejt li t-tazzi kollha jinġabru u jittieħdu l-iSporting Club, biex min jiġi jara t-tazzi jkun qed jara l-valur tagħhom.

"Si'ntendi mhux kulħadd qabel miegħi, tant, li nqalgħu ħafna argumenti, iżda finalment kulħadd aċċetta din il-proposta, u minn dak iż-żmien beda jsir hekk ... aktar minn hekk, il-paljijiet li konna nirbħu fir-Regatta, kienu jittieħdu l-każin, u jdendluhom fil-gallerija tal-każin ... fil-preżent, it-tazzi u l-paljijiet qegħdin jinżammu fil-klabb tar-Regatta li hemm il-Ponta.....

*Fl-intervista li għamilt lil Salvu Grech, dan qalilna li l-kwistjoni tal-piż tad-dgħajjes inqalgħet fuq waħda mid-dgħajjes tagħkom ... x'taf tgħidli dwar din il-kwistjoni?*

"... veru, u nikkonferma li l-kwistjoni tal-piż tad-dgħajjes kienet inqalgħet fuq id-dgħajsa tagħna Invicta... iżda qabel din il-kwistjoni, aħna bħala distrett, kellna ħafna nkwiet mal-membri ta' kumitati distrettwali oħra fuq dgħajsa oħra ta' bl-Erbgħa ... din id-dgħajsa, li kien bniha l-imgħallem Pule flimkien ma' tlieta oħra qabel il-Gwerra, konna nġerru biha ... barra tagħna kienet baqgħet oħra ... ma nafx jekk kinitx ta' Bormla jew tal-Birgu ... naf biss li kienu biegħuha lill-ammiraljat u kienu jużawha l-uffiċjali tat-tarzna biex mill-Main Gate tat-tarzna (l-Isla) jaqsmu għall-Birgu. Il-kwistjoni nqalgħet wara li kienet għaddiet bil-permessi kollha li d-dgħajsa kienet kundizzjoni tajba li jġerri ...

"Hawnhekk id-distretti bdew jipprotestaw u sostnew li d-dgħajsa tagħna kienet eħfef minn tagħhom – jekk niftakar sewwa kienet xi naqra itwal ... issa peress li dawn il-permessi kienu għand ċertu Bramin Omega, meta fittixnih ma sibnihx, u naturalment ma stajniex nippreżentaw il-permessi u minħabba hekk d-dgħajsa tagħna ma ġerrietx mad-dgħajjes l-oħra, u konna ġerrejna waħidna f'kategorija oħra (D) .. dak in-nhar jien qdift fiha ....

"Niftakar li fi żmieni, kien hemm qaddiefa minn distretti oħra li xtaqu jġerru magħna, iżda jien m'aċċettajthomx ... kont ngħidilhom li mhux sewwa li huma jaqdfu magħna, meta d-distrett tagħhom kien se jieħu sehem fir-Regatta. Barra minn hekk aħna kellna ħafna qaddiefa, u ma kontx inkun ġust magħhom li jien naċċetta qaddief barrani u nħalli lil tagħna barra... finalment jien kont inħeġġiġhom biex imorru jaqdfu mad-distrett tagħhom."



Id-dgħajsa ta' bl-Erbgħa tal-Birgu tidher dieħla fl-ewwel post quddiem id-dgħajjes tal-Marsa u Marsamxett fl-1954

*Jien dejjem nismagħhom jgħidu li l-Isla minn dejjem kellha għadd sabiħ ta' bennejja ta' l-opri tal-baħar ... nimmaġina li dawn kollha, f'xi żmien jew ieħor bnew dgħajjes, Kajjikki jew Frejgatini għat-Tiġrija?*

" ... antikament ma nafx ngħidlek, iżda naċċertak li ħafna mill-opri li ġerrew f'isem l-Isla nbnew mill-imgħallmin Ġużeppi Formosa (is-Suss) u William Mc.Carter. Xi wħud minnhom saru b'donazzjonijiet personali, oħrajn mill-każini lokali wara ġbir mid-dilettanti Sengleani fuq l-inizjattiva ta' xi ħabrieka li kellhom għal qalbhom din it-tradizzjoni. Kienet proprju d-dgħajsa (Invicta) li kien bena l-Guli u li kienet ingħatat lill-club tar-Regatta mill-każin Laburista li fuqha kienet inqalgħet il-kwistjoni tal-piż tad-dgħajjes fir-Regatta ... f'waħda mil-laqgħat tal-l-Assoċjazzjoni, jien kont ipproponejt li kull kategorija ta' opri li jieħdu sehem fir-Regatta jkollhom il-piż stabbilit mid-dwana, iżda l-maġġoranza tad-delegati ma qablux mal-proposta, u finalment il-piż ta' 400 libra ġie stabbilit biss għad-dgħajjes tal-Pass ..."

*F'nofs is-snin 50 ġiet introdotta x-Shield ... it-tiġrijiet kollha ma baqgħux isiru fuq bażi ndividwali kif kienu jsiru qabel u fl-ewwel snin ta' wara l-gwerra ... id-dilettanti aċċettaw dawn it-tibdiliet fir-Regatta?*

" ... iva aċċettawhom mill-ewwel għaliex ħassew li jkun hemm aktar għaqda fost il-qaddiefa, u kull ekwipaġġ jistinka aktar biex jgħolli ġieħ il-lokalitá tiegħu fir-Regatta ... kif taf ix-Shield tintrebaħ b'sistema tal-punti li ngħataw lil kull korsa... saru numru ta' regolamenti ġodda u ssaħħu aktar l-antiki.

"Wieħed minnhom kien tal-piż tad-dgħajjes tal-Pass, fejn kif għedt, kull dgħajsa li tieħu sehem fir-Regatta ta' Settembru ma tridx tkun inqas minn 400 libra ... ngħidlek is-sewwa, għall-ewwel mhux kulħadd qabel magħhom dawn ir-regolamenti, iżda meta l-membri tal-kumitati distrettwali studjawhom mill-ġdid, irrealizzaw, li l-iskop prinċipali għat-twettiq ta' dawn ir-regolamenti kien, biex it-Tiġrija tal-Vitorja tkun organizzata aħjar, u li finalment biex jitnaqqsu l-abbużi. Sakemm jien kont għadni fil-kumitat, jien u sħabi ħdimna bis-sħiħ għal pajjiżna ... dak iż-żmien il-maġġoranza tal-qaddiefa tagħna kienu barklori, u l-għan tagħhom kien ir-rebħ tal-palju ... ma ngħidx li ma kellniex problemi u tilwim mal-qaddiefa, iżda ħaġa tal-għaġeb, wara ħafna argumenti sħan lkoll konna nintebħu li l-iskop tagħna kien il-ġid tad-distrett f'dawn it-tiġrijiet ...

*X'differenza tara bejn il-kumitati ta' żmienek għall-kumitati tal-lum li fil-maġġoranza tagħhom għandhom element żagħżugħ fihom?*

" ... ara ħalli nitkellem dwar il-kumitat tar-Regatta tagħna ... illum dan il-kumitat qed jitmexxa minn team żagħżugħ u megħjun minn dilettanti anzjani ... anke l-qaddiefa tagħna m'għadhomx barklori bħal dari, għax illum ix-xogħol tad-dgħajsa naqas ħafna, iżda minn żgħażagħ dilettanti ... nispera, u jien għandi fiduċja kbira fihom, li dan il-kumitat ikompli jistinka biex wara dawn is-snin kollha fejn l-Isla dejjem tispiċċa fit-tieni jew fit-tielet post tal-klassifika ġenerali ta l-Aggregate Shield, nergħu nirbħu x-Shield għat-tmien darba ... f'xi ħin semmejtli s-snin glorjużi ta' l-Isla ... dawn kienu bejn l-1951 u l-1966, fejn fihom l-Aggregate Cup u seba' darbiet l-Aggregate Shield , u li kieku ma nqalgħetx il-kwistjoni tal-Bojkott, naħseb li konna nibqgħu għaddejjin bir-rebħ tax-Shield ....

(ikompli f'ħarġa oħra)